



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 47/24

il-Lussemburgu, l-14 ta' Marzu 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-516/22 | Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Sentenza tal-Qorti Suprema)

Ir-Renju Unit kiser id-dritt tal-Unjoni minħabba sentenza tal-Qorti Suprema tiegħu

Il-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Renju Unit għal eventwali ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq qabel tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni (31 ta' Diċembru 2020) huma possibbli matul l-erba' snin ta' wara din id-data

Fid-19 ta' Frar 2020, jiġifieri qabel tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni, il-Qorti Suprema tar-Renju Unit tat is-sentenza *Micula v Romania* ¹ li tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fil-kawża tal-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment (ICSID) *Ioan Micula, Viorel Micula and others v. Romania* ². Permezz ta' din id-deċiżjoni ta' arbitraġġ, ir-Rumanija ġiet ikkundannata tħallas lil investituri Svediżi kumpens ta' madwar EUR 178 miljun minħabba t-tħassir prematur ta' skema reġjonali ta' għajjnuna għall-investiment. Is-sentenza tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit ingħatat minkejja l-fatt li l-Kummissjoni, li tqis li dan il-kumpens huwa għajjnuna mill-Istat inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, kienet ipprojbixxiet lir-Rumanija milli tħallsu. Barra minn hekk, tilwima dwar din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ³.

Fid-dawl ta' dik is-sentenza, il-Kummissjoni ppreżentat, f'Lulju 2022, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Renju Unit quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Peress li r-Renju Unit irrifjuta li jippreżenta osservazzjonijiet fil-kuntest tal-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fil-kontumacia.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li **r-Renju Unit, minħabba s-sentenza tal-Qorti Suprema tiegħu, naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, konformement mal-Ftehim dwar il-Ħruġ (Brexit), hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tiegħu konjizzjoni ta' dan it-tip ta' rikors matul l-erba' snin wara t-tmiem tal-perijodu ta' tranżizzjoni (li kien jestendi mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Diċembru 2020) meta r-rikors ikun intiż sabiex jiġi kkonstatat li r-Renju Unit naqas milli jwettaq obbligu tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni qabel it-tmiem ta' dan il-perijodu. Hija tfakkar li l-obbligu tal-Istati Membri li josservaw id-dritt tal-Unjoni huwa impost fuq l-awtoritajiet kollha, inkluż, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **il-Qorti Suprema tar-Renju Unit kienet żbaljata meta ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni** (b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar l-għajjnuna mill-Istat) ma kienx applikabbli għall-obbligu tar-Renju Unit, abbażi tal-Konvenzjoni dwar l-ICSID, li jeżegwixxi d-deċiżjoni ta' arbitraġġi għar-raġuni li r-Renju Unit kien ikkonkluda din il-konvenzjoni ma' Stati terzi qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea ⁴, b'tali mod li d-dritt tal-Unjoni **ma kienx jipprekludi l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' arbitraġġ**. Fil-fatt, **l-imsemmija qorti kellha qabel kollox teżamina fil-fond jekk tali obbligu**, minkejja l-fatt li jirrigwarda sentenza li tikkonstata l-ksur minn Stat Membru (ir-Rumanija) ta' trattat bilaterali ta' investiment konkluż ma' Stat Membru ieħor (l-Isvezja), **jimplikax ukoll drittijiet li Stati terzi jistgħu jinvokaw fil-konfront tagħhom.**

Ma jistax jiġi aċċettat li qorti ta' Stat Membru, inqas u inqas qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali, tkun tista' tadotta interpretazzjoni żbaljata tad-dritt tal-Unjoni li s-suġġett u l-effett tagħha huwa li teskludi deliberatament l-applikazzjoni tad-dritt kollu tal-Unjoni. Fil-fatt, tali interpretazzjoni twassal sabiex il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jiġi eskluż. **Il-Qorti Suprema tar-Renju Unit għalhekk ippreġudikat b'mod serju l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.**

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata **ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali**. Fil-fatt, meta qorti nazzjonali tkun adita b'kawża li tkun diġà s-suġġett ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni jew ta' proċedura ġudizzjarja quddiem il-qorti tal-Unjoni, l-imsemmija qorti nazzjonali għandha tissospendi l-proċeduri, sakemm ma jkun hemm kważi l-ebda riskju ta' kunflitt bejn is-sentenza futura tagħha u l-att futur tal-Kummissjoni jew id-deċiżjoni futura tal-qorti tal-Unjoni. Issa, permezz tas-sentenza inkwistjoni, il-Qorti Suprema tar-Renju Unit tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ, filwaqt li l-kwistjoni dwar din l-interpretazzjoni kienet ġiet deċiża permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni u kienet pendenti quddiem il-qorti tal-Unjoni.

Barra minn hekk, **il-Qorti Suprema tar-Renju Unit**, bħala qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali, **kellha tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja** dwar id-dritt tal-Unjoni applikabbli, sabiex tevita r-riskju ta' interpretazzjoni żbaljata ta' dan id-dritt, interpretazzjoni żbaljata li hija effettivament adottat fis-sentenza inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata **ksur tal-projbizzjoni ta' implimentazzjoni tal-għajnuna mill-Istat sakemm il-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni finali dwar din il-miżura**, sa fejn is-sentenza inkwistjoni ordnat lir-Rumanija tħallas il-kumpens lill-investituri filwaqt li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet is-suġġett ta' tilwima quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Sentenza tad-19 ta' Frar 2020 tas-Supreme Court UK *Micula and others v Romania*, [\[2020\] UKSC 5](#).

² Deċiżjoni ta' arbitraġġ taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investimenti [ICSID n° ARB/05/20](#).

³ Ara c-[CP n°15/22](#) dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża *Il-Kummissjoni vs European Food et*, [C-638/19 P](#). Il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet lura l-kawżi inkwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, fejn għadhom pendenti.

⁴ Abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, regola tad-dritt tal-Unjoni tista' tiġi nnewtralizzata minn konvenzjoni internazzjonali biss bil-kundizzjoni doppja li din tkun konvenzjoni konkluża qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattati tal-Unjoni fl-Istat Membru kkonċernat u li Stat terz jew Stati terzi kkonċernati jisiltu, minn din il-konvenzjoni, drittijiet li huma jistgħu jeżiġu l-osservanza tagħhom minn dan l-Istat Membru. L-Istati Membri ma jistgħux jinvokaw din id-dispożizzjoni meta, fil-każ inkwistjoni, id-drittijiet tal-Istati terzi ma jkunux inkwistjoni.